MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2014

Numru 1356/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Luke Bonello)**

**vs**

**Carl Vella**

**/**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Carl Vella ta' 22 sena, iben Emanuel u Anna nee` Sammut, imwieled Pieta`, nhar id-19 ta' Frar 1989 u residenti Onaipas, Triq il-Konti Manduca, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 94389(M):

Akkuzat talli nhar is-6 ta' Dicembru 2011, bejn nofs il-lejl u t-tlieta ta' filghodu, gewwa San Giljan u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta attentat fuq il-pudur ta' Simone Brauener u Stanislava Dobrovolna, bi ksur tal-Artikolu 207 tal-Kap. 9;

2. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9;

3. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9;

4. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 750 Terry James Mallia, PC 781 Anthony Zammit u PC 600 David Mizzi, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95(1) tal-Kap. 9;

5. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika kontra PS 750 Terry James Mallia, PC 781 Anthony Zammit u PC 600 David Mizzi, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kap. 9;

6. U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ikkommetta reati li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi milli jsiru u dan bi ksur tal-Artikolu 141 tal-Kap. 9.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat iddikjara li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u illi ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb;

Semghet trattazzjoni finali.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar is-6 ta' Dicembru 2011, fis-sighat bekrin ta' filghodu, pulizija mill-Ghassa ta' San Giljan gew infurmati permezz ta' telefonata da parti ta' certu Reuben Bonnici, adett mis-sigurta` tal-istabbiliment maghruf bhala Hugo's Bar, illi kien hemm persuna li kienet qeghda targumenta mal-haddiema adetti mis-sigurta` tal-imsemmi stabbiliment u ghalhekk huwa talab l-assistenza tal-Pulizija. Ufficjali tal-Pulizija mill-Ghassa ta' San Giljan marru fuq il-post, raw lill-imputat jargumenta mal-haddiema adetti mis-sigurta`, liema imputat gie indikat minn Bonnici bhala l-persuna li dwaru kien cempel gewwa l-Ghassa izjed kmieni. Bonnici informa

wkoll lill-Ufficjali tal-Pulizija illi zewg tfajliet barranin li wara rrizultaw li kienu Simone Braeuner u Stanislava Dobrovolna, kienu nformaw lill-persuna ohra adetta mis-sigurta`, illi waqt li huma kienu qeghdin jizfnu gewwa l-istess istabbiliment, persuna ta' sess maskili bdiet iddejjaqhom u anke messithom fil-partijiet intimi taghhom, minkejja li huma qalulu kemm il-darba biex jieqaf. L-Ufficjali tal-Pulizija arrestaw lill-imputat u haduh l-ewwel gewwa l-Poliklinika tal-Furjana sabiex jigi ezaminat minn tabib, imbaghad gewwa l-*lock up* fil-Furjana.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ewwel lok, l-imputat gie akkuzat bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, irid jinghad illi ghalkemm gew prezentati dikjarazzjonijiet - wahda ffirmata minn Stanislava Dobrovolna u l-ohra minn Simone Braeuner, l-allegati vittmi – fis-sens illi huma kienu qeghdin jirrinunzjaw ghall-kwasliasi azzjoni[1], madankollu ai termini tal-proviso ghall-Artikolu 544 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, la darba dan ir-reat huwa akkumpanjat minn reati ohrajn li jolqtu l-ordni pubbliku, kif jidher mic-citazzjoni odjerna, allura l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata u kwindi indipendentement mir-rinunzja taghhom ghall-istess azzjoni.

Illi fix-xhieda taghha, **Simone Braeuner**[2], qalet illi fis-6 ta' Dicembru 2011, hija marret gewwa l-istabbiliment Hugo's Passion, gewwa San Giljan flimkien mal-habiba taghha, Stanislava Dobrovolna u bdew jizfnu. Xi s-12.45 a.m. avvicinaha ragel li qabdilha l-warrani taghha u qieghed idejh bejn koxxitha. B'idejha, hija nehhietlu jdejh u qaltlu wkoll biex inehhi jdejh. Hija ccaqalqet minn fejn kienet

[1] A fol. 19 u 20 tal-process.
[2] A fol. 21 *et seq* tal-process.

u marret band'ohra fl-istess stabbiliment, izda wara ftit, waqt li kienet qeghda tizfen mal-habiba taghha, dan ir-ragel avvicina lill-habiba taghha u prova jmissha, izda persuna ohra li hija ma kinitx taf min kien, dahal bejn dan ir-ragel u Stanislava biex jipprotegiha. Sussegwentement, wara li hi u Stanislava komplew jizfnu u waqt li hija kienet qeghda wahedha ghaliex Stanislava harget il-barra mill-istabbiliment, dan ir-ragel rega' avvicinaha, messilha wiccha u hija ddecidiet li titlaq il'barra. Dik kienet l-ahhar darba li hija rat lil dan ir-ragel. Meta giet mitluba mill-Qorti biex thares madwarha biex tara jekk taghrafx lil dan ir-ragel fl-awla, hija qalet li ma kinitx qed tarah. In oltre wara li l-Qorti talbet lill-imputat sabiex iqum bil-wieqfa, x-xhud qalet illi l-ewwel darba li rat lill-istess imputat kien gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, izda ma setghetx taghrfu bhala l-persuna li kien involut f'dan l-incident.

Fix-xhieda taghha, **Stanislava Dobrovolna**[3] qalet illi fil-lejl in kwistjoni, bejn nofs il-lejl u t-tlieta ta' filghodu, hija kienet ma' habiba taghha, Simone Braeuner, gewwa Hugo's Passion, San Giljan, fejn bdew jizfnu. Huma gew avvicinati minn ragel li ried jizfen mal-habiba taghha, izda din irrifjutat, u wara ried jizfen maghha, izda hija rrifjutat ukoll. L-istess ragel rega' avvicinahom wara xi hames jew ghaxar minuti, izda dak il-hin hija telqet il-barra. Ix-xhud qalet illi waqt li kienet prezenti hi, ma rat li gara xejn bejn Simone u dan ir-ragel. L-unika haga li ghamel dan ir-ragel kienet li talab lilha sabiex tizfen mieghu u messilha jdejha u spallitha. Hija qalet ukoll li ma kinitx qeghda taghraf lil dan ir-ragel li semmiet fix-xhieda taghha, gewwa l-awla.

Fix-xhieda tieghu, **is-Supretendent Stephen Gatt**[4], qal illi huwa kien tkellem maz-zewg tfajliet barranin involuti f'dan il-kaz, liema tfajliet anke gew murija diversi ritratti ta' guvintur bl-istess sembjanzi bhal tal-imputat, izda dawn m'gharfux lill-imputat. Qal ukoll illi meta kienu gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, dawn it-tfajliet qalu illi l-imputat ma kienx involut fl-incident li huma kienu rrappurtaw. L-istess Supretendent qal ukoll illi gie ezaminat is-CCTV *footage* tal-istess stabbiliment fil-lejl in kwistjoni, u ghalkemm l-imputat kien jidher

[3] A fol. 24 *et seq* tal-process.
[4] A fol. 39 *et seq* tal-process.

jagixxi bhal qisu bniedem fis-sakra u jidhru wkoll iz-zewg tfajliet, u ghalkemm l-imputat kien jidher ukoll ipoggi subajgh f'halqu fid-direzzjoni ta' Simone Braeuner u jkellem liz-zewg tfajliet, biss fil-*footage* imsemmi, l-imputat ma jidhirx jaghmel dak li allegat wahda mit-tfajliet. Fix-xhieda tieghu, **l-Ispettur Luke Bonello**[5] ikkonferma illi meta huwa kellem liz-zewg tfajliet u wriehom l-imputat, dawn stqarrew li l-imputat ma kienx l-istess persuna li kienet immolestathom fl-incident in kwistjoni. L-istess Spettur ikkonferma wkoll ix-xhieda tas-Supretendent Gatt fir-rigward tal-*footage* tas-CCTV imsemmi u qal ukoll illi waqt l-interrogazzjoni tieghu, l-imputat cahad illi kien immolestja b'xi mod lil dawn iz-zewg tfajliet.

Fix-xhieda tieghu, **Reuben Bonnici**[6] xehed illi huwa l-*manager* tal-istabbiliment in kwistjoni u illi ghalkemm ma setax jiftakar id-data jew ix-xahar tal-incident mertu tal-kaz, biss gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kien inhareg il'barra mill-istabbiliment u dan peress illi kien inqala' xi argument bejnu u bejn xi tfajla. Qal illi din it-tfajla kienet barranija, ma kienx jaf x'jisimha, izda marret tkellmu, bdiet tibki u qaltlu li kellhom xi problemi mieghu. Qaltlu wkoll li riedet tkellem lill-pulizija, izda ma qaltlux x'kien l-argument bejnha u bejn l-imputat. Ghalhekk huwa cempel lill-pulizija, il-pulizija marru fuq il-post u kellmuh, izda ma kienx jaf x'gara sussegwentement.

Fix-xhieda tieghu, **l-Ispettur Luke Bonello**[7] qal ukoll illi l-imputat kien irrilaxxja tlett stqarrijiet, liema stqarrijiet ittiehdu wara li l-istess imputat inghata d-debita twissija skond il-ligi[8] minghand l-istess xhud u wara li kien inghata d-dritt li jikseb parir legali qabel l-interrogazzjoni tieghu, liema dritt huwa rrifjutah[9]. Fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2012, id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq ix-xhieda dwar il-volontarjeta` tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputat u

[5] A fol. 53 *et seq* tal-process.
[6] A fol. 75 tal-process.
[7] A fol. 53 *et seq* tal-process.
[8] A fol. 61 sa 67 tal-process.
[9] Ara dikjarazzjonijiet a fol. 58 sa 60 tal-process.

dwar id-dikjarazzjonijiet tieghu ta' rifjut ghall-jedd tal-ghajnuna legali qabel l-interrogazzjonijiet tieghu.[10]

Mill-istqarrija rilaxxjata minnu fis-6 ta' Dicembru 2011, jirrizulta illi l-imputat ammetta li ttanta zewg tfajliet barranin, billi prova jizfen maghhom, izda cahad li huwa messhom b'mod li dejjaqhom u li bdew jghidulu biex ihallihom bi kwiethom.[11] Fit-tieni stqarrija rilaxxjata minnu fl-istess jum, l-imputat ammetta li kien avvicina lil wahda minn dawn it-tfajliet barranin u din injoratu, izda cahad li huwa prova jdahhal idejh bejn kuxxtejn wahda mit-tfajliet in kwistjoni jew li qabdilha l-warrani. Mistoqsi jekk f'hin minnhom huwa bediex imiss wicc din it-tfajla, huwa qal li ma jiftakarx u li ma jahsibx li ghamel dan.[12] Fit-tielet stqarrija tieghu mehuda fid-9 ta' Dicembru 2011, l-imputat imbaghad cahad illi kien mess wahda mit-tfajliet in kwistjoni.[13]

Ghalhekk in vista tal-fatt illi z-zewg tfajliet Simone Braeuner u Stanislava Dobrovolna, fl-ebda mument ma gharfu lill-imputat bhala l-persuna li huma kienu rreferew ghaliha fir-rapport maghmul minnhom lill-pulizija, izda anzi eskludew illi kien l-imputat li agixxa bil-mod spjegat minnhom u stante wkoll li ma jirrizultawx provi ohrajn fil-grad rikjest mil-ligi fis-sens illi l-imputat ikkommetta r-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma gietx pruvata.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-imputat giet akkuzat ukoll bir-reati kkontemplati fl-Artikoli 338(dd), 338(ee), 95 u 96 tal-Kap. 9.

---

[10] Ara verbal a fol. 74 tal-process.
[11] A fol. 65 u 66 tal-process.
[12] A fol. 63 tal-process.
[13] A fol. 61 tal-process.

Fix-xhieda tieghu **PS 1492 Joseph Pace**[14] jghid illi fis-6 ta' Dicembru 2011, wara li kien ircieva telefonata gewwa l-Ghassa ta' San Giljan ghall-habta tas-1.45 a.m. minghand certu Reuben Bonnici mill-istabbiliment Hugo's Bar, dwar persuna li kienet qalghet argument fl-istess stabbiliment u li baqghet targumenta man-nies adetti mis-sigurta`, b'rizultat ghalhekk li dan Bonnici talab l-assistenza tal-pulizija, huwa tela' fuq il-post flimkien mal-kollegi tieghu, PS 750, PC 600 u PC 781. Ix-xhud qal li hekk kif wasal fuq il-post bil-vettura, huwa ra persuna maskili ossia lill-imputat, jargumenta man-nies adetti mis-*security*. Bonnici infurmah li kien ghal din il-persuna li kien irrefera meta cempel gewwa l-Ghassa izjed kmieni. Ix-xhud qal illi hekk kif huwa avvicina lill-imputat flimkien ma' PS 750, seta' jinnota li dan kellu riha qawwija ta' xorb. Meta huwa kellem lill-imputat, dan identifika ruhu bhala Pulizija. Huwa qal lill-imputat sabiex jitla' fil-vettura tal-pulizija, biex imur gewwa l-Ghassa ta' San Giljan, izda ghall-bidu l-imputat irrifjuta, beda jkellmu hazin u jheddidhom. Qal illi huwa ordna lill-pulizija li kienu mieghu sabiex idahhlu lill-imputat fil-vettura tas-servizz u ghalkemm irnexxilhom idahhluh fil-vettura, l-imputat baqa' jirrezisti. Skond ix-xhud, l-imputat prova wkoll jaghti xi daqqiet, meta l-pulizija l-ohrajn ippruvaw jimmanettjawh. Fil-frattemp, fil-waqt li l-kollegi tieghu telqu bl-imputat fil-vettura, x-xhud baqa' fuq il-post biex ikellem lil Bonnici.

Fix-xhieda tieghu, **PS 750 Terry James Mallia**[15] qal illi fil-jum in kwistjoni, wara li dahlet telefonata mill-istabbiliment Hugo's, liema telefonata kien hadha PS 1492, huwa mar fil-post in kwistjoni flimkien mal-kollegi tieghu. Huwa xehed hekk kif waslu PS 1492 mar fuq Reuben Bonnici, l-*manager* tal-istabbiliment u huwa nnota lill-imputat jillatika u jaghmel l-arja mal-persuni prezenti billi fost affarijiet ohrajn beda jghid illi huwa Pulizija, li ma setghux jitfghuh il'barra u li ma setghu jaghmlulu xejn. Dak il-hin PS 1492 gibdu lejh, sikktu u qallu biex jitkellmu gewwa l-Ghassa, izda l-imputat rega' wiegeb li huwa kien pulizija u li ma setghu jaghmlulu xejn. Ghalhekk PS 1492 ghaddielu lill-imputat u qallu biex jarrestawh u jnizzluh gewwa l-Ghassa. Ix-xhud qal illi meta huwa pprova jdahhal lill-imputat fil-vettura tas-servizz, l-istess imputat prova jixxutjah u ghalhekk mar jghinu PC 600. Irnexxielhom idahhluh fil-karozza, izda fil-karozza

[14] A fol. 27 *et seq* tal-process.
[15] A fol. 30 *et seq* tal-process.

l-imputat kompla jirrezistihom. Ix-xhud immanettjah fil-karozza u pogga lill-imputat ma' genbu. Quddiem fil-vettura kien hemm ukoll ix-xufier u PC 600. Peress illi l-imputat kellu xi demm fuq idejh, ix-xhud ordna li jittiehed gewwa l-Poliklinka tal-Furjana. Ix-xhud qal illi matul il-vjagg fil-vettura, l-imputat kompla jghajjarhom li huma korrotti, li huma jghinu lil tal-hwienet ghax ihallsuhom u li x-*shift* taghhom kellu xi haga ghalih, li huma zghar u ma kinux jafu x'kienu qeghdin jaghmlu. Qallhom li kienu qeghdin jizbaljaw ghaliex huwa kien pulizija. Ix-xhud qal illi huwa talab lill-imputat ghad-dettalji tieghu, izda dan ma riedx jaghtihomlu. Gewwa l-klinika l-imputat kompla jghajjarhom, izda qabel dahlu ghand it-tabib, ix-xhud ikkonvinca lill-imputat sabiex jaghtih il-karta tal-identita`. Quddiem it-tabib, l-imputat beda jghidilhom li huwa ma ried jghid u jaghmel xejn oltre illi jghajjarhom u dan bl-istess kliem li x-xhud semma' qabel. Ghalhekk hallew lill-imputat wahdu mat-tabib waqt li dan kien qed jezaminah. Wara l-imputat gie mehud gewwa l-*lock up* fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija.

Fix-xhieda tieghu, **PC 600 David Mizzi**[16] qal illi huwa mar gewwa l-istabbiliment Hugo's flimkien ma' PS 1492 u l-kollegi tieghu, wara li dahlet telefonata gewwa l-Ghassa ta' San Giljan dwar argument quddiem l-imsemmi stabbiliment. Kif waslu fuq il-post, huwa baqa' vicin il-vettura fil-waqt li z-zewg surgenti marru jaraw x'gara. Minn hemmhekk huwa seta' jisma' lill-imputat jghajjat u wara li PS 1492 ordnalhom biex ipoggu lill-imputat gewwa l-karozza tas-servizz, huwa ghen lil PS 750 sabiex ikun jista' jaghmel dan. Ix-xhud qal illi meta dahhlu lill-imputat fil-karozza, dan beda jghajjat u jghid li kien ser inezzalhom l-uniformi, li ser icempel lis-Supretendent u li kien ghala biebu. Wara li l-imputat qal li kellu xi griehi f'idejh, fuq ordni ta' PS 750, huma baqghu sejrin lejn il-Poliklinika tal-Furjana. Hemmhekk, l-imputat beda jghid li ma riedx ikellem lit-tabib fil-presenza taghhom u ghalhekk it-tlett pulizija hallew lill-imputat wahdu mat-tabib. Wara haduh gewwa l-*lock up* fil-Furjana. Dan ix-xhud qal ukoll illi waqt il-vjagg lejn il-Poliklinika, l-imputat baqa' jghid l-istess diskors li semma' x-xhud qabel.

[16] A fol. 32 *et seq* tal-process.

**PC 780 Anthony Zammit**[17] xehed illi fil-jum in kwistjoni, wara telefonata gewwa l-Ghassa ta’ San Giljan fis-sens illi kien hemm xi argument quddiem l-istabbiliment Hugo’s, huwa saq il-vettura tal-pulizija lejn l-imsemmi post. Hekk kif waslu, huwa hareg mill-vettura, izda baqa’ vicin taghha. Huwa ra lill-imputat jargument mal-*bouncers* tal-istess stabbiliment u lis-Surgenti jmorru hdejh u jippruvaw jikkonvincuh sabiex jikkalma u jidhol fil-vettura tas-servizz. Madankollu, l-imputat baqa’ jidghi. Ix-xhud qal illi waqt li kien qed jirrezistihom, PS 750 u PC 600 dahhlu lill-imputat fil-vettura tas-servizz. Ix-xhud qal ukoll illi waqt il-vjagg lejn il-klinika tal-Furjana, l-imputat beda jheddidhom bi kliem bhal li titnehha l-uniformi taghhom, li jirrappurtahom lil xi ufficjali gholja. L-imputat qal ukoll li l-pulizija korrotti u li x-xhud ma jafx isuq. Ix-xhud qal ukoll illi fil-konfront ta’ PS 750, l-imputat qal li hu injorant u li ma jafx x’qed jaghmel. Fil-klinika, apparti li l-imputat beda jidghi, kompla wkoll bl-istess diskors. Qal ukoll illi l-imputat kellu riha ta’ xorb. Quddiem it-tabib, l-imputat kompli jirrepeti li huma korrotti. Fil-klinika, PS 750 talab lill-imputat sabiex jaghtih il-*mobile* u l-karta tal-identita` tieghu, u dan tahomlu. Ftit wara izda l-imputat allega illi s-Surgent kien hadhomlu u li mhux suppost li ghamel dan.

Dwar dan l-incident, **is-Supretendent Stephen Gatt**[18] xehed dwar dak li gie rrappurtat lilu mill-ufficjali tal-pulizija li kienu prezenti fuq il-post meta gie arrestat l-imputat. Xehed ukoll dwar dak li seta’ jara mis-*CCTV footage* gewwa l-istabbiliment[19] u b’mod partikolari li l-imputat jidher jagixxi bhal bniedem fis-sakra gewwa l-istess stabbiliment. Fix-xhieda tieghu, **l-Ispettur Luke Bonello**[20] wara li rrefera ghal dak li gie rrappurtat lilu mill-ufficjali tal-pulizija prezenti waqt l-arrest tal-imputat, qal illi l-imputat kien irrilaxxja tlett stqarrijiet u li l-imputat inghata d-drittijiet imsemmija izjed il’fuq. L-Ispettur Bonello xehed ukoll illi mis-*CCTV footage* huwa seta’ jara li l-imputat kien fi stat ta’ sakra.

---

[17] A fol. 34 *et seq* tal-process.
[18] A fol. 39 *et seq* tal-process.
[19] Fix-xhieda tieghu (a fol. 49 *et seq* tal-process), Matthew Axisa, *General Manager* tal-kumpanija ko-proprjetarja tal-istabbiliment Hugo’s, jghid illi l-ghada tal-incident in kwistjoni, huwa kien ezamina l-*footage* tas-CCTVs gewwa l-istess stabbiliment flimkien mal-pulizija prezenti u hareg CD mill-istess *footage*, liema CD flimkien ma’ kopja jinsab esebit fl-atti.
[20] A fol. 53 *et seq* tal-process.

Fl-ewwel stqarrija rilaxxjata minnu fis-6 ta’ Diċembru 2011[21], **l-imputat** qal illi huwa jaħdem bħala Pulizija stazzjonat mal-ALE u li kien ilu Pulizija erba’ snin. Qal illi fil-jum ta’ qabel ħareġ ma’ sieħbu, qagħdu jduru ġewwa Paceville u li kien ilu jixrob mis-2.00 p.m., li kien fis-sakra, izda mhux li ma kienx jaf x’kien qed jagħmel. L-imputat ċaħad li hekk kif kien barra mill-istabbiliment huwa beda jgħajjat u jidentifika ruħu bħala pulizija. Mistoqsi jekk marx mal-pulizija bil-kwiet meta dawn marru jarrestawh, huwa wieġeb fl-affermattiv u kkonferma li mmanettjawh. Mistoqsi għaliex kienu mmanettjawh, huwa qal li ma kienx jaf u li huwa kien qalilhom biex jagħmlu xogħolhom. Mistoqsi jekk kienx qalilhom hekk biss lill-pulizija, huwa wieġeb li beda jgħidilhom “*bilmod*” għax il-manetti kienu qegħdin iweġġgħuh u li kienu ssikkati u qal li ma jiftakarx li kien hedded lill-pulizija. Mistoqsi kienx jiftakar li rrezista lill-pulizija, huwa wieġeb fin-negattiv u qal li mar magħhom u qalilhom biex jagħmlu xogħolhom. Qal li ma jiftakarx li heddidhom jew li nsultentahom. Ċaħad ukoll illi waqt li kien barra l-istabbiliment Hugo’s, huwa beda jhedded lil *Manager* tal-istabbiliment li kien ser imur bl-uniformi u jgħalaqlu l-ħanut u li beda jsemmi diversi uffiċjali fil-korp tal-pulizija, fosthom lis-Supretendenti Bayliss u Gatt. Qal illi l-Pulizija ma qalulux għaliex kienu arrestawh.

Fit-tieni stqarrija rilaxxjata minnu[22], meta ġie mistoqsi jekk kienx minnu illi lill-pulizija kien qalilhom li ser ineżżgħalhom l-uniformi u paroli oħra bħal dan, l-imputat wieġeb li jista’ jkun, izda ma jiftakarx għax kien xorob ħafna.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat ġie akkuzat bil-kontravvenzjoni kkontemplata fl-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, fil-waqt li permezz tat-tielet imputazzjoni, huwa ġie akkuzat bil-kontravvenzjoni taħt l-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

[21] A fol. 65 sa 67 tal-process.
[22] A fol. 63 sa 64 tal-process.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Gunju, 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze**, fejn b'referenza ghal din l-ahhar kontravvenzjoni, il-Qorti qalet hekk:

"*Ordni legittimu moghti mill-Pulizija jew mill-Awtorita', ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama wara dwar il-gustizzja intrinsika ta' dak l-ordni* (ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-6 ta' Ottubru, 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Austin Grech**). *Ordni jitqies legittimu ai fini tal-kontravenzjoni fil-paragrafu (ee) tal-Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali jekk ikun prima facie legittimu, jigifieri prima facie regolari fil-kontenut tieghu u fil-forma li bih jinghata.*"

Issa mill-provi mressqa jirrizulta illi l-imputat inghata ordni minghand ufficjali tal-pulizija u dan sabiex jakkompanjahom l-ghassa, izda l-imputat ma kkooperax u offra rezistenza. Fil-fatt **PS 1492 Joseph Pace** jghid illi hekk kif huwa avvicina lill-imputat flimkien ma' PS 750, l-istess imputat identifika ruhu bhala Pulizija u meta huwa kellmu u qallu sabiex jitla' fil-vettura tal-pulizija biex imur gewwa l-Ghassa ta' San Giljan, ghall-bidu l-imputat irrifjuta li jaghmel dan, izda beda jkellmu hazin u jheddidhom. Ghalhekk huwa ordna lill-pulizija li kienu mieghu sabiex idahhlu lill-imputat fil-vettura tas-servizz u ghalkemm irnexxilhom jaghmlu dan, l-imputat baqa' jirrezisti. Skond ix-xhud, l-imputat prova anke jaghti xi daqqiet, meta l-pulizija l-ohrajn ippruvaw jimmanettjawh. **PS 750 Terry James Mallia** ukoll xehed illi kif waslu fuq il-post, PS 1492 mar fuq Reuben Bonnici, l-*manager* tal-istabbiliment u huwa nnota lill-imputat jillatika u jaghmel l-arja mal-persuni prezenti billi fost affarijiet ohrajn beda jghid illi huwa Pulizija, li ma setghux jitfghuh il'barra u li ma setghu jaghmlulu xejn. Dak il-hin PS 1492 gibdu lejh, sikktu u qallu biex jitkellmu gewwa l-Ghassa, izda l-imputat rega' wiegeb li huwa kien pulizija u li ma setghu jaghmlulu xejn. Ghalhekk PS 1492 ghaddielu lill-imputat u qallu biex jarrestawh u jnizzluh gewwa l-Ghassa. Ix-xhud qal illi meta huwa pprova jdahhal lill-imputat fil-vettura tas-servizz, l-istess imputat prova jixxutjah u ghalhekk mar jghinu PC 600. Irnexxielhom idahhluh fil-karozza, izda fil-karozza l-imputat kompla

jirrezistihom. Ix-xhud immanettjah fil-karozza u pogga lill-imputat ma' genbu. **PC 600 David Mizzi** qal illi kif waslu fuq il-post, huwa baqa' vicin il-vettura fil-waqt li z-zewg surgenti marru jaraw x'gara. Minn hemmhekk huwa seta' jisma' lill-imputat jghajjat u wara li PS 1492 ordnalhom biex ipoggu lill-imputat gewwa l-karozza tas-servizz, huwa ghen lil PS 750 sabiex ikun jista' jaghmel dan. **PC 780 Anthony Zammit** xehed illi hekk kif waslu hdejn l-istabbiliment in kwistjoni, huwa hareg mill-vettura, izda baqa' vicin taghha. Huwa ra lill-imputat jargumenta mal-*bouncers* tal-istess stabbiliment u lis-Surgenti jmorru hdejh u jippruvaw jikkonvincuh sabiex jikkalma u jidhol fil-vettura tas-servizz. Madankollu, l-imputat baqa' jidghi. Ix-xhud qal illi waqt li kien qed jirrezistihom, PS 750 u PC 600 dahhlu lill-imputat fil-vettura tas-servizz.

Ghalkemm fl-ewwel stqarrija tieghu, l-imputat cahad li huwa kien b'xi mod irrezista lill-Pulizija u stqarr anzi li kien qalilhom biex jaghmlu xogholhom, fid-dawl tax-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija prezenti, li lkoll ikkonfermaw illi l-imputat mhux talli m'obdiex l-ordni moghtija lilu sabiex imur gewwa l-Ghassa tal-Pulizija flimkien mal-istess ufficjali tal-Pulizija, talli anzi offra rezistenza, tant illi PS 750 kellu jigi meghjun minn PC 600 biex idahhal lill-imputat gewwa l-vettura tas-servizz u l-istess PS 750 kellu wkoll jimmanettjah, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju dwar il-fatt illi l-verzjoni korretta ta' x'gara ezattament fil-lejl in kwistjoni hija dik moghtija mill-ufficjali tal-pulizija. Anzi fit-tieni stqarrija tieghu, meta l-imputat gie mistoqsi jekk kienx minnu illi lill-pulizija kien qalilhom li ser inezzghalhom l-uniformi u paroli iehor bhal dan, l-imputat wiegeb li jista' jkun, izda ma jiftakarx ghax kien xorob hafna. Ghalhekk ic-cahda tieghu ma baqghetx wahda daqstant kategorika.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

B'referenza ghat-tieni imputazzjoni imbaghad, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 ta' Mejju 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Rocco d'Alessandro** inghad hekk:

*"Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bħala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba c-cirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita` fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita` ta' reazzjoni għal dak l-għemil. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi jridu jkunu tali li oġġettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew tħassib."*

Fil-fehma tal-Qorti, l-agir tal-imputat li mhux biss irrezista lill-ufficjali tal-pulizija, izda li wkoll fost kliem hazin u ghajjat da parti tieghu, anke prova 'jixxutja' wiehed mill-ufficjali tal-pulizija hekk kif dan mar biex idahhlu fil-karozza tas-servizz, jammonta ghal ghemil volontarju li jinkwadra ruhu fid-deskrizzjoni moghtija mill-Qorti fil-bran citat. Ghalhekk, il-Qorti tqis illi l-imputat huwa wkoll hati tat-tieni imputazzjoni.

Illi permezz tar-raba' imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat bir-reat kif ikkontemplat fl-Artikolu 95(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan ir-reat huwa dak ta' *oltraggio* kif ikkontemplat fl-Artikolu 194 tal-Kodici Kriminali Taljan li huwa forma ta' ingurja ta' gravita` specjali minhabba dak ir-rispett li kull cittadin ghandu juri lejn ufficcjal pubbliku. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Ottubru 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amante Camilleri**, inghad illi l-elementi ta' dan ir-reat huma s-segwenti:

*"Kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali … fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar, deciza fit-12 ta' Dicembru, 1936 (Kollez. Deciz. Vol. XXIX.IV.593), biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala igurjuzi jkunu nghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u li jkunu nghadu officio durante vel contemplatione officii.*

*Rekwizit iehor huwa li l-kliem jigu pprofferiti fil-presenza ta' l-ufficjal in kwistjoni, ossia de visu, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltragg izda dak ta' ingurja komuni. Inoltre hemm bzonn li l-kliem (jew gesti, kitba, disinji, ecc.) jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku. Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe` dana l-animus injuriandi, jigi presunt, u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun ingurjata, cjoe` bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna. Jekk, pero`, il-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid issir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx sal-grad li trid il-ligi f'materja penali li dawk il-kliem intqalu f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu ingurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u ntqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, jista' jaghti l-kaz li jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju, b'cajta (animus jociandi) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi). Ghalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-hsieb tal-agent ma kienx li jingurja izda li jaghmel rimostranza, jigi nieqes dan ir-reat. Tali protesta, izda, certament ghandha l-limiti taghha; il-kliem li jinghad u specjalment il-mod kif jinghad ghandu jkun limitat sabiex titwassal dik il-protesta, b'mod ghalhekk li f'kaz ta' eccess ma jkunx jista' jibbenefika mid-difiza li dan il-kliem ikun intqal minnu animus reclamandi.*"

Issa f'dan il-kaz, **PS 750 Terry James Mallia** xehed illi wara li l-imputat iddahhal fil-vettura b'ammont ta' protesta u rezistenza da parti tieghu, f'liema vettura kien hemm l-istess xhud, PC 781 Anthony Zammit u PC 600 David Mizzi, matul il-vjagg lejn il-klinika tal-Furjana, l-istess imputat kompla jghajjarhom li huma korrotti, li huma jghinu lil tal-hwienet ghax ihallsuhom u li x-*shift* taghhom kellu xi haga ghalih, li huma zghar u ma kinux jafu x'kienu qeghdin jaghmlu. Qallhom li kienu qeghdin jizbaljaw ghaliex huwa kien pulizija. Gewwa l-klinika l-imputat kompla jghajjarhom u quddiem it-tabib, l-imputat beda jghidilhom li huwa ma ried jghid u jaghmel xejn oltre illi jghajjarhom u dan bl-istess kliem li x-xhud semma' qabel. **PC 600 David Mizzi** xehed illi meta dahhlu lill-imputat fil-

karozza, dan beda jghajjat u jghid li kien ser inezzalhom l-uniformi, li ser icempel lis-Supretendent u li kien ghala biebu. **PC 780 Anthony Zammit** xehed illi waqt il-vjagg lejn il-klinika tal-Furjana, l-imputat beda jheddidhom bi kliem bhal li titnehha l-uniformi taghhom, li jirrappurtahom lil xi ufficjali gholja. L-imputat qal ukoll li l-pulizija korrotti u b'referenza ghalih, qal li ma jafx isuq. Ix-xhud qal ukoll illi fil-konfront ta' PS 750, l-imputat qal li hu injorant u li ma jafx x'qed jaghmel. Fil-klinika, l-imputat kompla bl-istess diskors u kompla jirrepeti li huma korrotti.

Huwa evidenti illi l-kliem li kien qed jigi ndirizzat lill-ufficjali tal-pulizija mill-imputat waqt il-vjagg taghhom lejn il-klinika u cioe` illi huma korrotti, li huma jghinu lil tal-hwienet ghaliex ihallsuhom u tal-inqas fil-konfront ta' PS 750 li huwa njorant u li ma kienx jaf x'qed jaghmel, kien ingurjuz fir-rigward tal-istess ufficjali tal-pulizija. L-imputat baqa' jirrepeti dan id-diskors fil-konfront tal-ufficjali li kienu qeghdin jakkumpanjawh anke gewwa l-klinika tal-Furjana u ghalhekk certament illi l-imputat mar oltre s-semplici rimonstranza. M'hemmx dubbju illi dan il-kliem inghad lill-istess ufficjali tal-pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom u ghalhekk jissussistu l-elementi kollha tar-reat ta' oltragg. In oltre jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-istess ufficjali tal-pulizija illi apparti illi l-imputat ingurja lill-istess ufficjali, huwa beda jghidilhom li kien ser jirrapportahom lis-Supretendent jew lil ufficjali gholja u li kien ser inehhilhom l-uniformi. Fil-kuntest li fih inghad dan id-diskors da parti tal-imputat, tenut kont ukoll illi anke l-istess imputat kien pulizija, l-imsemmija ufficjali kellhom kull ragun iqisu l-istess diskors bhala theddid da parti tal-imputat fil-konfront taghhom u dan meta huma kienu qeghdin jaghmlu xogholhom u proprju ghaliex kienu qeghdin jaghmlu xogholhom. Ghalhekk il-Qorti tqis illi gie sodisfacentement pruvat da parti tal-Prosekuzzjoni illi l-imputat ingurja u hedded lill-Ufficjali tal-Pulizija msemmija bi ksur tal-Artikolu 95(1) tal-Kap. 9.

Illi permezz tal-hames imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat ukoll bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-artikolu tal-ligi jirrikjedi li l-attakk jew ir-resistenza jkun "bi vjolenza jew b'hebb". Kif inghad fis-sentenza moghtija fis-26 ta' Jannar 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Borg**:

"*Biex jissusisti r-reat irid ikun hemm bhala minimu xi forza llegittima diretta lejn jew ezercitata fuq il-persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza llegittima tigi ezercitata, irid ikun tali li jkun tendenti, ossia li jkollu l-potenzjalita` li jikkaguna hsara lill-persuna tal-Ufficjal Pubbliku, zghira kemm hija zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigi effettivament ikkagunata u anke jekk l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara. Biex ikun hemm dan ir-reat, l-agent irid ikun mhux biss attakka 'il fatto di prendere l'offensiva' jew irrezista 'il fatto di prendere la difensiva' lill-Ufficjal Pubbliku, izda li tali attakk jew resistenza tkun giet maghmula permezz ta' vjolenza jew b'hebb.*"

Issa fil-kaz in kwistjoni jirrizulta kemm mix-xhieda ta' **PS 1492 Joseph Pace**, kif ukoll mix-xhieda ta' **PS 750 Terry James Mallia** illi effettivament l-imputat hebb ghall-pulizija. Skond PS 1492, l-imputat ipprova jaghti xi daqqiet meta l-ufficjali tal-pulizija l-ohrajn kienu qed jippruvaw jimmanettjawh u PS 750 ikkonferma illi meta huwa pprova jdahhal lill-imputat fil-vettura tas-servizz, l-istess imputat prova jixxutjah u fil-fatt mar jghinu PC 600. Ghalhekk apparti li mill-provi jirrizulta car illi l-imputat offra resistenza shiha fil-konfront tal-ufficjali tal-pulizija, tant illi kif inghad, PC 600 kellu wkoll jghin lil PS 750 sabiex idahhlu lill-imputat fil-vettura tas-servizz u dan jikkonfermah ukoll l-istess PC 600 fix-xhieda tieghu, jirrizulta wkoll illi l-imputat hebb ukoll ghal PS 750 u dan billi prova, fi kliem l-istess PS 750, 'jixxutjah'. Dan l-agir tal-imputat fir-rigward ta' PS 750 Terry James Mallia jammonta ghar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment l-imputat gie akkuzat ukoll taht l-Artikolu 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jiddisponi illi "*kull ufficjal jew impjegat pubbliku li jsir hati ta' reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga*

*tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jehel, meta jinstab hati, il-piena stabbilita ghal dak ir-reat, mizjuda bi grad*".

Issa f'dan il-kaz, fiz-zmien tar-reat odjern l-imputat kien membru tal-korp tal-pulizija ossia ufficjal pubbliku u dan kif jirrizulta kemm mill-istqarrija tieghu stess[23], kif ukoll mid-deposizzjoni ta' **WPC 51 Louise Grech**[24], li xehdet illi l-imputat dahal fil-korp tal-pulizija fis-27 ta' Novembru 2007 u dan kif jirrizulta wkoll mid-dokumenti esebiti mill-istess xhud.[25] M'hemmx dubbju illi r-reati kommessi mill-imputat odjern fil-kaz de quo, huma reati li bhala membru tal-korp tal-pulizija, kellu d-dmir li jara jew jissorvelja li ma jsirux jew id-dmir li jimpedihom u ghaldaqstant, fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti ser izzid il-piena stabbilita ghar-reati li l-imputat qed jinstab hati taghhom bi grad, kif jikkontempla l-artikolu citat.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni min-naha l-wahda l-fedina penali tal-imputat li kienet netta meta gew kommessi r-reati odjerni u li baqghet netta matul dawn il-proceduri, kif jirrizulta mill-fedina penali aggornata tal-imputat li tinsab esebita fl-atti.

Qieset ukoll illi s-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni fis-sens illi mill-kaz odjern, l-imputat ma regax xellef diffrejh mal-gustizzja u li minn dak iz-zmien, jidher li hajtu nbidlet ghall-ahjar, kif issottomettiet ukoll id-difiza fit-trattazzjoni taghha. Qieset ukoll illi fis-seduta tal-25 ta' April 2014, l-imputat talab skuza lill-membri tal-korp tal-pulizija involuti f'dan il-kaz.

[23] A fol. 65 tal-process.
[24] A fol. 77 tal-process.
[25] A fol. 69 sa 73 tal-process.

Mill-banda l-ohra, il-Qorti qieset ukoll illi l-imputat kien membru tal-korp tal-pulizija meta sehh il-kaz odjern u ghalhekk l-agir tieghu jassumi izjed serjeta` u gravita` fic-cirkostanzi tal-kaz.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 95 u 96 tal-Kap. 9, kif fis-sehh fiz-zmien li gew imwettqa r-reati odjerni u applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-imputazzjonijiet li taghhom l-imputat qed jinstab hati, kif ukoll tal-Artikolu 17(b) tal-istess Kap. 9 fir-rigward tar-raba' u l-hames imputazzjonijiet.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b), 17(d), 95(1), (2) u (3), 96(a), 141, 207, 252(1), 338(dd), 338(ee) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnha, izda qed issibu hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt imputazzjonijiet u qed tikkundannah ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tigi sospiza ghal zmien tmintax-il (18) xahar mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car il-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------